**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 15** **Nhar il- Hamis 21 ta' Awwissu, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 5:30pm.

**Preżenti:**

- **Neville Chetcuti – Sindku**
- **Ralph Mangion – Viċi Sindku**
- **Aaron Caruana – Kunsillier**
- **Joyce Bray – Kunsilliera**
- **Tania Borg – Kunsilliera**
- **Martin Vella – Kunsillier**
- **Jessica Borg – Kunsilliera**

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- **Conrad Borg Manche – Kunsillier**
- **Ryan Sciberras – Kunsillier**

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

**Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv**

## 15.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti

### 15.1.1 Qari tal-Minuti

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab sabiex jiġu kkunsidrati l-minuti tal-Laqgħa Numru 14. Dawn tqassmu lill-membri kollha u ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

### 15.1.2 Fuq il-Minuta 14.3.3 Ġnien Pubbliku u Sigurtà

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li min-naħa tal-Kunsill tpoġġew it-tabelli kif kien miftiehem u l-Pulizija qed jagħmlu r-rota tagħhom ta' kuljum.

### 15.1.3 Approvazzjoni

Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg, u sekondata mill-Kunsillier Martin Vella, il-minuti ġew approvati b'mod unanimu.

## 15.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 15.2.1 Manoel De Vilhena

Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgħa mal-periti tal-IM sabiex jiddiskutu l-proġett relatat mat-tqegħid ta' bollards fit-triq Manoel De Vilhena. Huwa spjega li waqt il-laqgħa ġie ppreżentat id-disinn tal-bollards, li mhux biss għandhom funzjoni ta limitazzjoni tal-parkeġġ mhux xieraq, iżda wkoll ser jagħtu dehra aktar uniformi u sigura lit-triq. Il-Kunsilliera preżenti laqgħu b'sodisfazzjon id-disinn u qalu li jikkontribwixxi kemm għall-organizzazzjoni kif ukoll għall-estetika tal-lokalità. Ġie mfisser ukoll li dawn il-bollards ser ikunu mobbli, iżda jistgħu jitneħħew jew jitressqu biss permezz ta' permess uffiċjali tal-Kunsill. Barra minn hekk, ser jitpoġġew planters bħala parti mill-proġett biex isebbħu aktar l-ambjent tat-triq u jżidu sens ta' spazju urban iktar deċenti u sabiħ.

### 15.2.2 Laqgħa mal-Pulizija

Is-Sindku rrapporta li kellu laqgħa estensiva mal-Pulizija fejn kienu wkoll akkumpanjati minn xi membri waqt mixja fil-lokalità. Dan qanqal tħassib fost il-Kunsilliera dwar il-kwalità tal-ħajja fil-lokalità u s-sigurtà pubblika. Is-Surġent preżenti spjega li, għalkemm il-problema hija magħrufa, mhuwiex faċli jsir intervent dirett biex dawn il-persuni jingħataw akkomodazzjoni, u l-Pulizija ma jistgħux jaġixxu ħlief jekk dawn ikunu qed jikkommettu xi reat. Il-membri tal-Kunsill qalu li l-problema għandha dimensjoni soċjali u mhux biss ta' infurzar, u għalhekk hemm bżonn aktar koordinazzjoni mal-aġenziji kompetenti.

### 15.2.3 Inizjattiva ta' Tindif

Is-Sindku għarraf lill-membri li kumpanija privata, li bħalissa għandha xogħolijiet fil-lokalità, ikkuntattjat lill-Kunsill u offriet li twettaq tindif f'ċerti partijiet tal-Gżira bħala

ġest ta’ ringrazzjament għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il- kunsilliera laqgħu din l-offerta u sostnew li tali inizjattivi għandhom jiġu apprezzati u anke promossi bħala eżempju ta’ kif il-komunità kummerċjali tista’ tikkontribwixxi għall-ġid tal-lokalità.

**15.2.4 Tenders**
Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li kien hemm bżonn urġenti li jerġgħu jinħarġu erba’ sejħiet pubbliċi (tenders), jiġifieri: Bulky refuse, Soft areas, Leasing of 2 printers, Christmas lights. Il-Kunsilliera kollha qablu unanimament li għandhom jinħarġu dawn it-tenders u li l-proċeduri amministrattivi jitħaffu sabiex jiġu konklużi fil-ħin meħtieġ.

**15.2.5 Christmas Cards**
Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li, bħala inizjattiva għall-Milied, il-Kunsill jistieden lit-tfal tal-lokalità jipparteċipaw f’kompetizzjoni artistika sabiex jinħoloq disinn ta’ kartolina tal-Milied li mbagħad tinħareġ u tinqasam lir-residenti kollha. Il-membri raw din bħala idea tajba biex jiġu involuti t-tfal u l-familji tal-lokalità fil-ħidma tal-Kunsill u biex tinħoloq iktar sens ta’ komunità.

**15.2.6 Tabelli dwar Libsa Deċenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ser jiġu ordnati tabelli ġodda li jindikaw li kull min jinqabad jilbes b’mod indeċenti fil-lokalità jista’ jiġi mħarrek skont il-liġi. Is-Sindku sostna li kien qed jinnota nuqqas ta’ rispett dejjem jikber fil-mod kif xi individwi jidhru pubblikament, u li dan qed jaffettwa wkoll l-immaġni tal-Gżira. Il-Kunsilliera qablu li hemm bżonn jitqajjem sens ta’ dixxiplina u rispett lejn il-pubbliku permezz ta’ dawn il-miżuri.

**15.3 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

15.3.1 Mistoqsijiet mill-Viċi Sindku Ralph Mangion
Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-istatus tas-servizz BCRS. Is-Sindku wieġeb li bħalissa ma hemmx żviluppi ġodda relatati ma’ punti addizzjonali ta’ ġbir, iżda l-operat eżistenti tjieb. Huwa spjega li ntroduċew persuna dedikata li tkun fuq il-post biex terġa’ tħaddem il-magni immedjatament jekk dawn jieqfu, u dan wassal biex is-servizz ikun aktar effiċjenti.

**15.3.2 Sleeping Policemen f’Triq Luqa Briffa**
Il-Viċi Sindku rrimarka li kien hemm talba qabel biex jitpoġġa sleeping policeman ħdejn il-Mużew, Madankollu, dan gie installat izda wara il- Muzew u mhux qabel . Issa hemm bżonn ieħor qabel il-Mużew sabiex tittejjeb is-sigurtà tat-traffiku f’dik iż-żona.

**15.3.3 Aġġornament dwar l-Uffiċini tal-Kunsill**
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi żviluppi dwar l-uffiċini tal-Kunsill. Is-Sindku qal li qabel il-bidu tal-laqgħa kien hemm diskussjoni fuq dan is-suġġett u li hemm pjan biex ikomplu jitkellmu mas-sid tal-lukanda relatata sabiex jinstab soluzzjoni finali.

**15.3.4 Kunsillier Aaron Caruana**
Huwa spjega li jixtieq issir laqgħa mal-għaqdiet tal-lokalità sabiex ikun hemm koordinazzjoni u komunikazzjoni aħjar dwar l-attivitajiet. Il-membri kollha qablu li tali laqgħa tkun ta' benefiċċju kemm għall-għaqdiet kif ukoll għall-Kunsill. Staqsa wkoll dwar il-laqgħa annwali mar-residenti, u s-Sindku spjega li din issir kull sena skont il-ligi. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll każ ta' bay ta' parkeġġ blue badge li ma qedx tintuża mis-sid. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara dan il-każ b'aktar dettall qabel ma tittieħed deċiżjoni.

**15.3.5 Kunsillier Martin Vella**
Huwa qal li qed ifittex post għal-ikla tal-Milied u li ser jibbukkja f'The Nugget Night Club wara s-suċċess tas-sena l-oħra. Fakkar ukoll fil-bżonn li jitpoġġu l-linji tat-traffiku ħdejn il-Knisja, u s-Sindku wieġbu li tkellem mal-perit u dalwaqt isir ix-xogħol. Il-Kunsillier Vella qal ukoll li l-latrina pubblika kienet f'qagħda ħażina u mhux qed tinżamm tajjeb. Is-Sindku wieġeb li kien hemm żewġ ġranet ta' emerġenza fejn il-ħaddiema ma setgħux jintervjenu, iżda issa l-problema ġiet indirizzata.

**15.3.6 Kunsilliera Joyce Bray**
Hija semmiet li t-traffiku lights fix-Xatt tal-Gżira, ħdejn Aqua Luna, mhux qed jagħtu ċans lin-nies jaqsmu minn naħa għal oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser tivverifika ma' persuna mill-istaff fejn waslet il-ilment relatat u ser tagħti rispons fil-laqgħa li jmiss.

**15.3.7 Kunsilliera Tania Borg**
Hija issuġġeriet li l-Kunsill jibda jaħseb minn kmieni għall-attivitajiet tal-Milied sabiex ikun hemm ippjanar tajjeb u parteċipazzjoni massima mir-residenti.

**15.3.8 Kunsillier Ryan Sicluna (permezz tas-Segretarju Eżekuttiv)**
Il-Kunsillier, li ma setax jattendi, bagħat xi suġġerimenti li ġew ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv. Huwa issuġġerixxa li fix-Xatt, bejn il-bankina u r-ristorant, issir bike lane. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta iżda ma qablux magħha minħabba li tali miżura tagħmel sens biss jekk tkun parti minn proġett usa' li jinkludi wkoll Tas-Sliema, Ta' Xbiex u l-Imsida.

**15.4 Reply to the Management Letter 2024 – Meeting with the Accountant**

L-accountant, is-Sur Daniel Galea, attenda l-laqgħa u ppreżenta r-risposta għall-Management Letter (Anness No. 1). Huwa spjega li l-Kunsill kellu sena pożittiva u li hemm bżonn inkomplu naħdmu flimkien bl-istess koordinazzjoni. Spjega wkoll fid-dettall ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart (Anness No. 2), fejn id-dħul u n-nefqa kienu konsistenti mal-baġit approvat. Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg u sekondata mill-Kunsillier Aaron Caruana, ir-rapport ġie approvat unanimament.

**15.5 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet**

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 16/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill. Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg u sekondata mill-Kunsilliera Jessica Borg, l-iskeda ġiet approvata b'mod unanimu.

**15.6 Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fit-7:00 p.m. Is-seduta li jmiss hija skedata għall-Ħamis, 29 ta' Settembru 2025, fis-4:30 p.m., fil-boardroom tal-Kunsill.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |